MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2011

Appell Civili Numru. 765/2001/1

**Isabelle u Norman konjugi Borg,**
**illum legalment separati u t-tifel taghhom**
**Lukan Borg, bhala werrieta tal-mejjet Jody Borg**

**v.**

**Robert Galea u George Serracino**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell dwar incident stradali li fih kienu involuti vettura u zewg *motorcyles* f'liema incident *pillion rider* miet. Is-sentenza appellata nghatat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Ottubru 2007. Il-konvenut Robert Galea appella minn dik is-sentenza b'rikors intavolat fit-8 ta' Novembru 2007 u talab li tigi revokata s-sentenza appellata billi jintlaqghu l-eccezzjonijiet tieghu u jigu michuda t-talbiet tal-atturi appellati bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati. L-atturi appellati wiegbu ghar-rikors tal-appell b'risposta tas-7 ta' Frar 2008 u talbu li l-appell jigi michud u s-sentenza appellata tigi konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant. Il-konvenut l-iehor George Serracino pprezenta risposta ta' appell fil-5 ta' Novembru 2008 li biha wiegeb li l-pretensjonijiet tal-appellant kienu gustifikati u bl-istess risposta appella wkoll incidentalment mis-sentenza appellata u talab li tigi revokata s-sentenza appellata billi jintlaqa' l-appell incidentali u jigu michuda t-talbiet tal-atturi appellati bil-liberazzjoni tal-istess appellant minn kull responsabbilita` ta' danni jew alternativament li tigi riformata s-sentenza appellata f'dak li jirrigwarda l-konvenut Robert Galea filwaqt li tillibera lill-appellant George Serracino minn kull responsabbilita` ta' danni jew fin-nuqqas ikun hemm varjazzjoni fl-ammont tal-istess danni u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellati. L-atturi appellati wiegbu ghall-appell incidentali fid-19 ta' Dicembru 2008 u talbu li jigi michud l-istess appell incidentali u tigi konfermata s-sentenza appellata fl-interezza taghha bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

## Is-Sentenza Appellata

2. Ghall-ahjar intendiment tal-odjerna sentenza is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti qeghdha tigi hawnhekk riprodotta fl-intier taghha:

"Il-Qorti:

"Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-atturi fit-3 ta` Mejju, 2001, li in forza taghha, wara li ppremettew illi:

“Fit-3 ta` Mejju, 1997, filwaqt illi Jody Borg kien riekeb fuq mutur numru ta` registrazzjoni CAG 196 fi Vjal l-21 ta` Settembru, Naxxar, misjuq minn Lukan Borg, l-istess mutur safa` milqut minn mutur iehor numru ta` registrazzjoni FAH 493 proprjeta` tal-konvenut George Serracino, misjuq mill-konvenut Robert Galea;

“B`rizultat ta` dan l-incident Jody Borg tilef hajtu;

“L-atturi huma l-werrieta ta` Jody Borg;

“Dan l-incident gara` unikament minhabba negligenza, traskuragni u inadempjenza tar-regolamenti tat-traffiku da part ital-konvenut Robert Galea;

“Il-konvenut George Serracino halla l-konvenut Robert Galea isuq il-mutur FAH 493, allavolja dan kien inxurjat fuq isem George Serracino, u ghalhekk l-istess konvenut George Serracino ghandu jwiegeb ukoll ghad-danni kagonati b`rizultat tas-sewqan tal-mutur li hu messu ha hsieb li hadd iehor ma jsuqu;

“Ghalkemm il-konvenuti gew interpellati jersqu ghall-likwidazzjoni w hlas tad-danni sofferti, huma baqghu inadempjenti.

“Talbu lill-konvenuti jew minn minghhom jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

“1. Tiddikjara illi l-konvenut Robert Galea huwa responsabbli tal-incident li sehh fit-3 ta` Mejju, 1997, fejn tilef hajtu tragikament Jody Borg, meta l-mutur GAG 196 li fuqu kien riekeb bhala passiggier, fi Triq 21 ta` Settembru, Naxxar, safa` milqut mill-mutur FAH 493 misjuq mill-konvenut Robert Galea, u dana minhabba negligenza, traskuragni u inadempjenza tar-regolamenti tat-traffiku da part ital-konvenut Robert Galea;

“2. Tiddikjara illi l-konvenut George Serracino huwa responsabbli in solidum mal-konvenut Robert Galea, in kwantu bhala proprjetarju tal-mutur FAH 493 li kien

assigurat biss fuq ismu, ma messux halla lill-konvenut Robert Galea isuq l-istess mutur;

“3. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi bhala werrieta ta` Jody Borg, b`rizultat ta` dan l-incident fuq imsemmi fejn Jody Borg tilef hajtu tragikament;

“4. Tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom, jew minn minnhom ihallsu lill-atturi d-danni li jigu hekk likwidati.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti in subizzjoni.

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut George Serracino li in forza taghha eccepixxa illi:

“1. Preliminarjament it-talbiet attrici huma preskritti a tenur ta` l-Artikolu 2154 tal-Kap. 16 in kwantu dawn jirreferu ghall-eccipjenti.

“2. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu dawn huma diretti fil-konfront ta` l-eccipjenti, u dan peress li huwa ma kellu ebda responsabbilita` ghall-akkadut u ma kkawza ebda danni lill-atturi.

“3. Minghajr pregudizzju ghall-premess u f`kull kaz, fl-eventwalita` biss li l-Qorti ssib htija m`hemmx lok ghall-kundanna *in solidum* mal-konvenut l-iehor.

“4. Minghajr pregudizzju ghall-premess u f`kull kaz, l-eccipjent qieghed jikkontesta d-danni li l-atturi qeghdin jallegaw li sofrew.

“Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

“Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

“Rat id-digriet ta` din il-Qorti tat-8 ta` Mejju, 2002, li in forza tieghu gie dikjarat li n-notifika tal-att tac-citazzjoni li tidher li saret lil Robert Galea ma tiswiex;

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta` Robert Galea li in forza taghha eccepixxa illi:

“1. Preliminarjament l-irritwalita` tac-citazzjoni stante li fid-dikjarazzjoni mhemmx indikat minn halifha;

“2. Preliminarjament wkoll u minghajr pregudizzju ghal premess l-atturi ghandhom jippruvaw it-titolu taghhom;

“3. Minghajr pregudizzju ghal premess t-talbiet tal-atturi in kwantu diretti kontra l-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u ffid-dritt u ghandhom jigu respinti stante illi l-eccipjenti ma kienx responsabbli ghall-incident fejn tragikament tilef hajtu Jody Borg, u dan stante illi l-incident de quo ma sehhx minhabba imprudenza, negligenza u inadempjenza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-eccipjenti, u dan kif jigi ppruvat ahjar waqt l-andament tal-kawza, u ghalhekk d-danni pretisi mill-atturi u d-domandi tal-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

“Salv eccezzjonijiet ulterjuri premessi mill-ligi.

“Rat id-dikjarazzjoni guramentata relattiva;

“Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

“Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

“Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

“Rat in-noti tal-osservazzjonijiet li gewipprezentati;

“Rat li l-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

“Ikkunsidrat;

“Qabel xejn, il-Qorti tiddeciedi li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Robert Galea mhiex misthoqqa, peress li, kuntrarjament ghal dak allegat, mill-atti tal-kawza jirrizulta car li d-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni giet mahlufa,

kif titlob il-ligi, min wiehed mill-atturi, u cioe`, minn Lukan Borg.

"Illi l-mejjet Jody Borg kien riekeb pilion fuq il-mutur numru CAG 196 misjuq min huh Lukan Borg. Fit-3 ta` Mejju, 1997, kien ltaqghu ma` hbieb taghhom, iz-zewg konvenuti, li kienu qed issuqu zewg muturi ohra: il-konvenut Robert Galea kien qed isuq mutur FAM 493, proprjeta` ta` George Serracino, waqt li l-istess George Serracino kien qed isuq mutur iehor tieghu. L-erba` guvintur marru flimkien l-iskola ta` San Anton biex jigbru uniformi ghal Jody Borg, u l-incident sehh waqt li kienu gejjin lura mill-iskola fi Vjal 21 ta` Settembru, Naxxar. L-incident sehh ghal habta tat-3.30pm waqt li l-muturi kienu qed jinstaqu fid-direzzjoni tan-Naxxar.

"Dwar id-dinamika tal-incident, jidher li l-muturi, waqt li kienu fit-triq fejn sehh l-incident, kienu qed jinstaqu in single file: quddiem kien hemm il-mutur ta` Lukan u Jody Borg, wara il-mutur misjuq minn Robert Galea, u fl-ahhar nett kien hemm il-mutur misjuq minn George Serracino. F`moment minnhom, George Serracino qala` minn wara nett, qabez iz-zewg muturi li kellu quddiemu, u telaq 'l quddiem. Meta ra hekk, Robert Galea, saq il-mutur tieghu ghal hdejn dak ta` Lukan u Jody, b`mod li dawn iz-zewg muturi gew isuqu *abrest* xulxin. Mill-faccata feccet karozza tat-tip Cortina numru D3381, misjuqa minn Saviour Sciberras, u Robert Galea, li kien qed isuq fuq il-lemin ta` Lukan Borg, cioe` fuq in-naha vicin il-linja tan-nofs tal-Vjal, induna li, bil-karozzi pparkjati z-zewg nahat tat-triq u hu f`dik il-pozizzjoni, tal-Cortina ma kienx se jkollu spazju minn fejn jghaddi. Dan Robert Galea, allura, ghafas il-break biex jerga` jaqa` lura u jigi wara l-mutur misjuq minn Lukan Borg. Ir-rota ta` quddiem tal-mutur tieghu bblokkjat u l-mutur iddajvja. Il-mutur misjuq minn Robert Galea tkaxkar, u laqat il-Cortina u l-mutur ta` Lukan Borg (ma jirrizultax car liema minn dawn il-vetturi ntlaqtek l-ewwel). Il-mutur li fuqu kien hemm l-ahwa Lukan u Jody Borg inqaleb, tkaxkar u spicca taht karozza numru V-3351 (ta` certu Mario Riviera) li kienet ipparkjata fit-triq, l-istess naha u ftit 'l quddiem minn fejn kienu qed jinstaqu t-tlett muturi. Ir-*resting point* tal-mutur misjuq

minn Robert Galea kien wara l-mutur misjuq minn Lukan Borg. Is-sewwieqa kollha kellhom helmetx fuq rashom. Wara l-incident, kemm Robert Galea kif ukoll Lukan Borg ma irrizultax li kellhom griehi ta` natura gravi, waqt li Jody Borg miet. Robert Galea u Lukan Borg kellhom il-helmet intatt, waqt li dak ta` Jody inkisser bl-impatt; jidher li l-*helmet* ta` Jody Borg kellha cracks qabel l-incident, wiehed fil-*mouth piece* u zewg cracks fuq ir-ras. Jody Borg tilef hajtu fl-incident b`rizultat ta` *head injuries* li sofra b`dak l-incident.

“Dwar din id-diskrezzjoni ta` kif gara l-incident, ftit jew wisq, hemm qbil bejn il-partijiet, pero`, hemm divergenza fuq dettall importanti. Fil-waqt li Robert Galea jghid, kif fuq indikat, li hu saq biex jigi biswit il-mutur ta` Lukan Borg, Saviour Sciberras, id-driver tal-Cortina li kien gej minn naha l-ohra tat-triq stqarr li l-impressjoni tieghu kienet li Robert Galea, f`hin minnhom, biddel il-gear u accellera biex jissorpassa l-mutur ta` quddiemu. “Skont dan ix-xhud, kif Galea hareg minn wara l-mutur ta` quddiemu, ra r-rota tieghu tperper, u l-mutur skidja. Skont dan ix-xhud, il-mutur ta` Robert Galea skidja ghal gol karozza tieghu, u wara marret lura u qalbet il-mutur ta` Lukan Borg.

“Lukan Borg, minn naha tieghu, jghid li, f`hin minnhom, sema` mutur jaccellera warajh, u kif dawwar rasu, ra l-mutur misjuq minn Robert Galea jitkaxkar ghall-fuqu. Dan Lukan Borg baqa` jsuq fid-dritt, izda l-mutur ta` Galea kien waqa` catt ma` l-art u qaleb il-mutur li fuqu kienu Lukan u Jody Borg.

“Din il-Qorti tahseb li, fil-fatt, Robert Galea kien qed jittenta jissorpassa lil Lukan Borg biex jilhaq lil George Serracino. Dan Serracino kien l-ahhar wiehed fil-linja, u meta waslu f`dak il-Vjal, li hi triq pjuttost dritta u twila, qabez it-tnejn l-ohra u harab `il quddiem. Wisq probabbli, dak li gara hu li Robert Galea thajjar minnu, biddel il-gear u accellera biex jaghmel bhal George Serracino. Ta` zaghzugh li kien, ma deherlux li kien sew li min kien qed isuq l-ahhar spicca l-ewwel, u accellera biex jilhaq, jew sahansitra, jissupera, lill-siehbu! Dan hu agir

irresponsabbli, traskurat u perikoluz ghall-ahhar. Il-fatt li siehbu harab ‘l quddiem, ma kellux jinducih biex hu wkoll jahrab ‘l quddiem. Inoltre, il-fatt li Serracino irnexxielu jaghmel dik il-manuvra bla konsegwenzi serji, ma jfissirx li hu wkoll kien se jehlisha. Id-driver tal-Cortina qal li hu ra lil Robert Galea gej ghal fuqu, u, allura, bl-istess mod dan Robert Galea kellu jara dik il-karozza gejja mid-direzzjoni opposta u kellu joqghod lura u mhux jipprova jaghmel manuvra ta` surpass bl-ghama. Hu ra lill-siehbu George Serracino jissorpassa bla problemi, u deherlu li hu seta` jaghmel l-istess, minghajr ma qis jekk, fil-frattemp, is-sitwazzjoni fit-triq kienetx nbidlet.

“Din il-Qorti tikkonsidra li anke jekk l-incident sehh kif deskritt minn Robert Galea, huwa xorta dan li ghandu jinstab responsabbli ghall-incident. Mhux biss mix-xhieda ta` Saviour Sciberras jirrizulta li dan kien qed isuq bi speed qawwi, izda fuq kollox ma kellux isuq abreast mutur iehor. Muturi, bhala vetturi ohra, ghandhom fi triq ta` karreggjata wahda f`kull direzzjoni, jsuqu wara xulxin, u l-Qorti tqies li hu imprudenti u negligenti li mutur jinstaq biswit iehor. Muturi li jinstaqu ma` genb xulxin xhux biss qed jokkupaw spazju fi triq aktar milli hu mehtieg, izda ipoggu lilhom infushom f`periklu peress li jekk wiehed minnhom jiddevja xi ftit mir-rotta tieghu, hu facli li jidhol fl-iehor. Il-konvenut Robert Galea pogga lilu nnifsu isuq kwazi *on the crown of the road*; kien qed jara li kien hemm karozzi pparkjati z-zewg nahat tat-triq, u bil-pozizzjoni li ha, naqqas drastikament u inutilment il-korsija tal-vetturi gejjin mid-direzzjoni l-ohra.

“Fil-fehma tal-Qorti, taht ebda cirkustanza m`ghandu mutur jinstaq ma` genb iehor (hlief f`okkazzjonijiet ufficcjali meta muturi misjuqa minn Pulizija jkunu skorta ma dinjitarju), u l-fatt li Robert Galea pogga lilu nnifsu f`dik il-pozizzjoni hija indikazzjoni *res ipsa loquitur* ta` htija, ahseb u ara, f`dan il-kaz, meta is-sewqan ikun b`certa velocita` u dak li jkun jiehu posizzjoni vicin *the crown of the road*. Min isuq mutur vicin iehor ikun qed ipoggi lilu nnifsu f`pozizzjoni li, jekk jinqala` xi haga fil-mutur jew ikollu jirreagixxi b`mod immedjat ghal xi haga, jaghmel

hsara lis-sewwieq tal-mutur l-iehor, u, ghalhekk, hu sewqan imprudenti u perikoluz.

"Din il-Qorti, ma ssib ebda kontributorjeta` ghall-incident fis-sewqan ta` George Serracino u / jew ta` Lukan Borg. Ta` l-ewwel, veru tkessah meta zied l-ispeed u issupera zewg muturi li kienu quddiemu, pero`, ma kienx hu l-kawza diretta u immedjata tal-incident. Lukan Borg, min naha tieghu, kien qed isuq ghad-dritt u zamm dik ir-rotta, u ma kienx hu li instiga lill-ohrajn jissuperawh, u lanqas ma kien hu li stieden lil Robert Galea jigi jsuq ma` genbu. Hu kien fuq in-naha tajba fit-triq, isuq f`pozizzjoni prudenti fil-karreggjata tieghu, u ma jahtix ghall-incident li fih miet huh.

"Din il-Qorti, ghal konkluzzjoni milhuqa minn a, hi komfortata mill-fatt li meta Robert Galea tressaq quddiem il-Qorti Kriminali akkuzat li, bis-sewqan traskurat u perikoluz tieghu, ikkawza l-mewt ta` Jody Borg, dik il-Qorti b`decizjoni tas-7 ta` Jannar, 2005, sabitu hati tal-akkuzi dedotti kontrih, u dan avvolja l-piz tal-prova mixhud fuq il-prosekuzzjoni f`kawza kriminali huwa aktar tqil milli dak mixhut fuq attur f`kawza civili.

"Din il-Qorti, qieset il-provi b`mod indipendenti kif inhu dovoruz ghaliha, u tasal ghall-konkluzzjoni li l-incident in kwistjoni sehh unikament rizultat tas-sewqan negligenti u perikoluz tal-konvenut Robert Galea.

"Il-konvenut Robert Galea, fid-depozizzjoni tieghu, allega li l-*helmet* ta` Jody Borg kien ikkrakjat qabel l-incident, u dan miet peress li l-*helmet* tfarak mal-habta. Hu jindika li, fil-fatt, la hu u lanqas Lukan Borg ma sofrew griehi peress li huma, li wkoll tkaxkru meta inqalbu l-muturi li kienu qed isuqu, baqghu bil-*helmet* intatt. Din il-Qorti tara pero`, li anke jekk Jody Borg, kellu *helmet* bil-cracks, kien Robert Galea li poggieh f`sitwazzjoni fejn kellu jiddependi fuq il-*helmet*. Il-fatt ta` *helmet* mhux regolamentari setghet tesponi lil Jody Borg ghal xi passi kriminali kontra tieghu, pero`, mhux dik ic-cirkustanza li waslet ghall-incident. Persuna li tpoggi lil haddiehor f`pozizzjoni ta` periklu, ma tistax tezimi ruhha mir-responsabbilita` billi tallega li dak il-

haddiehor, ma kienx ippreparat ghall-agir negligenti ta` dik il-persuna! Jody Borg seta` ha riskju meta rikeb mutur b`*helmet* ikkrekjat, pero`, dan ir-riskju jghodd ghall-agir tieghu stess u mhux fil-konfront ta` agir ta` terzi.

“Oltre dan ma giex muri li Jody Borg ma kienx imut xorta wahda anke kieke kellu *helmet* bla cracks. Kull minn jaqa` minn fuq mutur mhux necessarjament jiehu daqqa fl-istess post u bl-istess mod. Ma giex muri li Robert Galea u Lukan Bog habtu rashom bl-istess qawwa, bl-istess mod u fl-istess post bhal Jody Borg. Fi kliem iehor, ma giex eskluz li bid-daqqa li ha Jody Borg u l-mod li hada, huwa xorta wahda kien imur fl-incident anke kieku kellu *helmet* bla cracks. Kwindi, l-fattur tal-allegat cracks fil-*helmet* ta` Jody Borg ghandu jigi skartat.

“Kif inghad, il-konvenut George Serracino m`ghandux jitqies responsabbli ghall-incident in kwistjoni, pero`, l-atturi qed jitolbu li hu jigi kkundannat *in solidum* ghad-danni li jistghu jirrizultaw peress hu halla lill-konvenut Robert Galea isuq l-mutur tieghu meta dan ma kienx inxurjat biex isuq dak il-mutur. Bhala fatt, jirrizulta mill-provi li Robert Galea kellu licenzja biex isuq mutur, pero`, il-mutur in kwistjoni, dak bin-numru FAH 493, proprjeta` ta` George Serracino, kien inxurjat biss jekk ikun misjuq minn sidu George Serracino. Il-*coverage* tal-insurance kienet tkopri lil dak il-mutur <u>biss</u> waqt li jkun qed jigi misjuq minn George Serracino. Jidher li, qabel l-incident, dan George Serracino *“biegh”* il-mutur lil Robert Galea, pero`, ma hax hsieb jaqleb ir-registrazzjoni tal-mutur ghal fuq Galea, u lanqas ma ha hsieb jara li dak il-mutur ma jinstaqx minn Galea qabel ma jkun registrat fuq ismu u kopert b`assigurazzjoni. Fil-fatt, meta sehh l-incident, il-mutur in kwistjoni kien ghadu registrat fuq George Serracino, u kellu *insurance coverage* ghal *“owner driven”* biss, b`mod , li hemm possibilita` li s-socjeta` assikuratrici ma tonorax id-danni li saritilha wara l-incident.

“Dawn ic-cirkustanzi jinvolu lill-istess George Serracino f`responsabbilita` legali. Dana ghalhiex, kif qalet din il-Qorti, fil-kawza <u>“Scerri vs Ciantar”</u>, deciza fit-3 ta` Ottubru, 2003, *“huwa pacifiku illi, in linea ta` massima generali, sid*

*ta` vettura li tkun involuta f`incident meta misjuqa minn terzi ma jwiegibx ghad-danni talvolta kagjonati mis-sewwieq. Bhal kull principju generali iehor ir-regola ssofri eccezzjoni bhal per ezempju fejn jirrizulta li l-vettura misjuqa mit-terz ma tkunx assikurata u allura tinsorgi r-responsabbilita` solidali anke ta` sid il-vettura ("Avv. Franz Refalo nomine – vs – Paul Caruana", Prim' Awla, Qorti Civili, 5 ta` Ottubru, 1995; "E. Micallef – vs – Simone Azzopardi", Prim`Awla, Qorti Civili , 7 ta` Ottubru, 1994)".*

"Hekk ukoll fil-kawza "Micallef et vs Busuttil et", deciza minn din il-Qorti fit-2 ta` Ottubru, 2002, il-Qorti zammet is-sid tal-vettura solidarjament responsabbli ghad-danni subiti mill-atturi billi l-istess sid ippermetta persuna ssuq il-vettura meta din il-persuna kienet taht l-eta` u minghajr licenzja, u dana billi kif qalet il-Qorti stess *"(is-sid) ippregudika l-pozizzjoni tat-terz vis a vis kwalunkwe talba ghad-danni rizultanti mill-istess incident".*

"Fl-istess sens hija d-decizjoni moghtija minn din il-Qorti fl-24 ta` Gunju, 1955, fil-kawza fl-ismijiet "Schembri vs Davies et".

"Il-Qorti tista` taghmel referenza ukoll ghad-decizjoni moghtija mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fis-7 ta` Marzu, 2006, fil-kawza fl-ismijiet "Fenech vs Cutajar et", fejn ukoll sid il-vettura instab responsabbli in solidum mas-sewwieq, meta halla l-vettura f`idejn terzi, u ma accertax ruhu li l-istess terz *"kien debitament licenzjat u kapaci biex isuq il-vettura"*.

"Sid ta` vettura ma jehlisx mir-responsabbilita` fil-konfront ta` dik il-vettura billi jbiegh l-istess lill-terza persuna, izda is-sid jibqa` mghobbi b`responsabilitajiet legali sakemm dik il-vettura tibqa` registrata fuq ismu. Sakemm dik tibqa` *"tieghu"*, hu jibqa` responsabbli ghall-istess vettura, u responsabbli aktar jekk jigri incident meta dik il-vettura tigi misjuqa minn persuna li m`ghandux licenzja u/jew mhux kopert b`assikurazzjoni.

"Kwindi r-responsabbilita` tieghu ghad-danni hija daqs u *in solidum* ma` Robert Galea li kienet il-persuna li effettivament ikkagunat id-danni.

"Il-konvenut Serracino eccepixxa li fil-konfront tieghu, l-azjoni hi preskritta a tenur tal-artikolu 2154 tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jipprovdi li l-preskrizzjoni ta` l-azzjoni civili ghal hlas tal-hsarat ikkagunati b`reat, ghandhom jitharsu r-regoli li hemm fil-Kodici Kriminali, ghall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali.

"Biex jigi determinat jekk agir jikkostitwixxix reat jew le, mhux mehtieg li jkunu ittiehdu proceduri kriminali fil-kuntest ta` dak l-agir, u lanqas li l-kontro-parti tkun passibbli ghall-procedura kriminali. Jista` jkun li, minhabba diversi cirkostanzi, l-awtorita` kompetenti ma tkunx tista` tiehu proceduri kriminali *in konnessjoni* ma` dak l-agir, jew li l-proceduri ma jkunux jistghu jittiehdu kontra l-kontro-parti, pero`, l-agir xorta wahda jitqies reat, kopert, ghall-fini tal-preskrizzjoni, bl-artikolu 2154.

"F`din il-kawza, George Serracino instab responsabbli in solidum ma` Robert Galea ghad-danni rizultanti fil-mewt involuntarju ta` Jody Borg. Ir-reat li wettaq dan George Serracino jaqa` taht il-Kap. 104 tal-Ligijiet ta` Malta (Ordinanza Dwar l-Assigurazzjoni ta` Vetturi tal-Mutur ghar-Riskji ta` Terzi Persuni), u l-artikolu 3(1) ta` din l-Ordinanza tqies reat kull minn ihalli lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq meta ghall-uzu tal-vettura minn dik il-persuna l-ohra, ma tkunx issehh polza ta` sigurta` dwar ir-riskji ta` terzi persuni. Skont l-artikolu 3(2)(a) tal-istess ligi, f`kaz ta` l-ewwel reat, dik il-persuna tista` tehel piena ta` prigunerija ghal zmien ta` mhux izjed minn tliet xhur. Skont l-artikolu 3(3) tal-istess Ordinanza, giet stabbilita preskrizzjoni ta` (a) sitt xhur mid-data li fiha jkun sar ir-reat allegat; jew (b) ta` zmien li ma jiskorrix la tliet xhur mid-data li fiha l-prosekuzzjoni tkun giet taf li sar ir-reat u lanqas sena mid-data li fiha tkun sar ir-reat. Peress li l-incident sehh fit-3 ta` Mejju, 1997, u din il-kawza infethet erba` snin wara, jigifieri, fit-3 ta` Mejju, 2001, dan it-terminu preskrittiv, f`kull kaz, skada. Jibqa` l-fatt, pero`, li George Serracino instab responsabbli *in solidum* ghad-

danni rizultanti fil-mewt ta` Jody Borg, u dan ifisser li, ghall-fini ta` dawn il-proceduri civili, hu ghandu jitqies komplici fir-reat ta` omicidju involontarju, li skont l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, jaghti lok ghal piena ta` prigunerija ta` mhux aktar minn erba` snin.  Din il-piena, skont l-artikolu 688(d) tal-istess Kodici Kriminali, tfisser li r-reat hu preskrivibbli b`gheluq hames snin.  La darba din il-kawza infethet entro t-terminu ta` hames snin preskritt, l-azjoni ma tistax titqies perenta.

“Kwindi l-eccezzjoni ta` preskrizzjoni sollevata mill-konvenut George Serracino qed tigi michuda.

“Dwar il-quantum tad-danni, jirrizulta li Jody Borg kellu 14-il sena meta sehh l-incident u kien ghadu jattendi l-iskola.  F`kazijiet ta` minuri, u fil-kalkolu tal-multiplier, il-gurisprudenza tqies li ghandha tiskarta z-zmien mehtieg sakemm it-tifel jilhaq l-eta` li jkun jista` jahdem, jigifieri sa ma jaghlaq 16-il sena, pero`, f`kull kaz dan it-tifel kellu hajja twila quddiemu u potenzjalment kellu hajja lavorattiva ta` hames u erbghajn sena.  Meta wiehed jikalkula l-multiplier, pero`, irid dejjem jiehu in konsiderazzjoni l-kontingenzi incerti tal-hajja futura (ara <u>“Caruana vs Camilleri”</u>, deciza mill-Onorabbli Qorti ta` l-Appell fis-27 ta` Frar, 2004).  Kif osserva tant tajjeb l-awtur <u>Peter Cane</u> fil-ktieb *“Atiyah’s Accidents, Compensation and the law”* (6th Edit.  1999), f`pagna 122, il-multiplier hija:

*“a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue – that is, in a personal injury action, until the plaintiff’s injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires.  This figure is then reduced partly because of the ‘contingencies’ (i.e.  that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income.  The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases”*.

“Mehud in konsiderazzjoni, dawn il-kontingenzi, il-Qorti tqies li multiplier ta` 35 ikun ekwu u gust, mehud ili konsiderazzjoni wkoll l-fatt li, peress li l-vittma kien ghadu zghir, hu difficcli li wiehed ikollu stampa cara ta` l-istat ta` sahha tieghu.

“Il-vittma ma kellux dhul li fuqu wiehed jista` jikalkola t-telf li garrab. Dan, pero`, ma jtellifx lil Qorti li tqis dhul ragjonevoli ghalih u li fuqu tahdem l-kalkolu tat-telf approssimattiv. Mir-rizultati tieghu tal-iskola, jidher li Jody kien student average, u jidher li kien qed juri proficenza f`suggetti li lanqas jehtiegu memorja u impenn mentali. Ovvjament, ma jistax jigi eskluz li Jody seta` sab xoghol jew negozju li jrendilu tajjeb, anke jekk ma jirrizultax li kien qed jersaq lejn xi professjoni. Din il-Qorti ma tkunx qed tikxef sigrieti jekk tghid li hawn persuni fin-negozju li jaghmlu aktar success finanzjarju mill-professjonist! Meta ikkunsidrat l-fatturi kollha tal-hajja, u l-*ispan of working life* tal-minuri, il-Qorti jidhrilha li ghandha tahdem fuq dhul average ta` Lm9,000 fis-sena.

“F`din il-kawza, it-talba, ghad-danni qed issir mill-genituri u hu l-mejjet, li huma l-eredi tieghu *ex lege* la darba irrizulta li Jody miet guvni u bla testment. F`kazijiet, bhal dawn, hu mistenni li meta l-minuri kien jilhaq l-istat tieghu, hu jsir indipendenti mill-familja diretta tieghu, u li dawn ftit li xejn ikun dipendenti fuqu. Ghalhekk, peress li d-*degree of dependency* tal-werrieta huwa wiehed baxx, l-ammont ta` kumpens ghandu jigi ridott ghal terz. Hija gurisprudenza ukoll li, f`kazijiet kongruwi ghandu jsir tnaqqis iehor ta` 25% ghall-fini ta` konsum. (ara, bhala studju u raguni ghal dan it-tnaqqis, id-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti ta` l-Appell fit-28 ta` Novembru, 2003, fil-kawza fl-ismijiet <u>“Turner vs Agius”</u>).

“Il-kumpens, ghalhekk, ghandu jigi kkalkulat b`dan il-mod:

Lm9,000 x 35 = Lm315,000.
Ridott ghal terz = Lm105,000
Tnaqqis ta` 25% = Lm78,750

“Gie indikat ukoll, li f`kazijiet simili ghandu jsir tnaqqis minhabba *lump sum payment* li, f`dan il-kaz, peress li l-incident sehh fl-1997, ghandu jkun ta` 4%.  B`hekk, il-kumpens dovut huwa ta` Lm75,600.

“Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa` t-talbiet tal-atturi, tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli in solidum ghall-incident li sehh fit-3 ta` Mejju, 1997, u li fih miet Jody Borg, u tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* jhallsu lil atturi s-somma ta` Lm75,600 (hamsa u sebghin elf, u sitt mitt lira Maltin) in linea ta` danni, bl-imghax legali millum sal-pagament effettiv.

“L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenuti *in solidum* bejniethom.”

**L-Appell tal-konvenut Robert Galea**

3. Kif inghad il-konvenut Robert Galea hassu aggravat bis-sentenza surriferita tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili tad-19 ta’ Ottubru 2007 u interpona appell minnha.  In succint l-aggravji tieghu huma s-segwenti:

a) L-appellant jikkontendi li l-ewwel Qorti iddecidiet il-kawza u sabitu responsabbli ghall-incident *de quo* meta tali responsabbilita` m’ghandhiex bazi la fil-fatt u lanqas fid-dritt u biex isostni dan l-aggravju l-appellant ghamel diversi sottomissjonijiet ghall-konsiderazzoni ta’ din il-Qorti fosthom:

(i) isostni li huwa ma kienx qieghed itellaq ma’ George Serracino jew ipprova jissorpassah izda ried biss jibqa’ mal-motociklist l-iehor Lukan Borg u jkompli t-tragitt flimkien mieghu.

(ii) l-ewwel Qorti mhux semplicement kienet “konfortata” bil-konkluzjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Sede Kriminali) tas-7 ta’ Jannar 2005 li biha huwa kien gie misjub hati ta’ sewqan traskurat u perikoluz li wassal ghall-mewt ta’ Jody Borg izda l-ewwel Qorti

strahet ghal kollox fuq dik is-sentenza filwaqt li njorat il-provi prodotti quddiemha.

(iii) ma hemm ebda prova li huwa saq b’xi velocita` eccessiva jew ghamel xi manuvra ta’ sorpass azzardata u perikoluza u anzi jichad li ghamel xi manuvra ta’ sorpass jew li f’xi hin kien fuq in-naha hazina tat-triq u jsostni li ma setax ragonevolment jipprevedi li meta kien ser jaghfas il-*break* il-mutur tieghu kien ser jibblokkja filwaqt li jsostni wkoll li ma jirrizultax li l-mutur misjuq minnu f’xi mument laqat lil dak misjuq minn Lukan Borg.

(iv) jilmenta wkoll mill-fatt li l-ewwel Qorti ma sabet ebda kontributorjeta` da parti ta’ Jody Borg, il-*pillion driver* li miet fis-sinistru, u dan meta l-istess Jody Borg kien liebes elmu li kien maqsum f’diversi bnadi dakinhar tal-incident.

b) it-tieni aggravju tal-appellant Robert Galea huwa li d-danni likwidati mill-ewwel Qorti huma eccessivi u dan principalment ghar-raguni li s-somma ta’ disat elef lira Maltin (Lm9,000) fis-sena li hadet in konsiderazzjoni l-ewwel Qorti bhala dhul *average* tal-vittma hi wahda irragonevoli u eccessiva.

**<u>L-Appell Incidentali tal-konvenut George Serracino</u>**

4. Min-naha tieghu il-konvenut l-iehor George Serracino wkoll hassu aggravat bis-sentenza surriferita tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili tad-19 ta’ Ottubru 2007 u interpona appell incidentali minnha fir-risposta tieghu ghall-appell ta’ Robert Galea. In succint l-aggravji ta’ George Serracino huma s-segwenti:

a) fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant incidentali jsostni li l-azzjoni fil-konfront tieghu hi preskritta a tenur tal-Artikolu 3(3) tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta’ Vetturi bil-Mutur ghar-Riskji ta’ Terzi Persuni (Kap. 104) u dan peress li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta rriteniet li kellu jitqies komplici fir-reat ta’ omicidju involontarju u applikat il-preskrizzjoni ta’ hames snin a tenur tal-Artikolu 688(d) tal-Kodici Kriminali;

b) fit-tieni aggravju tieghu l-appellant Serracino jsostni li l-konvenut appellant Robert Galea ma kienx responsabbli ghall-incident *de quo* u ghalhekk anqas hu, u cioe` l-appellant incidentali George Serracino, ma seta' jigi misjub responsabbli *in solidum* ghad-danni u in sostenn ta' dan l-aggravju tieghu:

i) jaghmel riferenza ghal diversi cirkostanzi sabiex juri li kien hemm tant incertezza dwar id-dinamika tal-incident li l-ewwel Qorti ma setghetx tilhaq dak il-grad ta' konvinzjoni rikjest mil-ligi sabiex tikkonkludi x'sehh fil-mument tal-incident;

ii) isostni li anki jekk il-mutur ta' Robert Galea ma kellux jinstaq biswit dak ta' Lukan Borg u anki jekk iz-zewg muturi taghhom kienu qed jinsaqu b'certu velocita` dan ma jfissirx necessarjament li l-mewt ta' Jody Borg kienet attribwibbli ghall-ghemil ta' Robert Galea peress li mhux kull infrazzjoni tar-Regolament tat-Traffiku jew agir skorrett jew delittwuz kienet necessarjament relevanti ghad-determinazzjoni tar-responsabbilita` ghad-danni.

c) it-tielet aggravju tal-appellant Serracino hu fis-sens li jekk il-konvenut appellant Robert Galea jinstab b'xi mod responsabbli ghall-akkadut allura ma kellux jinsab unikament responsabbli tenut kont tan-negligenza kontributorja ta' Lukan Borg u tal-mejjet Jody Borg li kien liebes elmu mxaqqaq li kawza tieghu Jody Borg sofra griehi gravi f'rasu.

d) ir-raba' aggravju tal-appellant George Serracino jirrigwarda ir-responsabbilita` solidali tieghu mal-appellant l-iehor Robert Galea a bazi tal-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104 ghaliex isostni li qatt ma kellu jinsab hekk responsabbli peress illi fid-data tal-incident il-mutur misjuq minn Robert Galea ghalkemm kien ghadu registrat fuq isem George Serracino fil-fatt kien proprjeta` tal-istess Robert Galea ghaliex qabel l-incident George Serracino kien bieghlu l-mutur in kwistjoni u li gara kien li George Serracino kien safa' vittma ta' nuqqas ta' diligenza u ta' burokrazija tas-socjetajiet assiguratrici kif ukoll tal-ommissjoni ta' Robert Galea illi jaghmel polza tal-assigurazzjoni fuq il-mutur.

e) il-hames aggravju tal-appellant George Serracino jirrigwarda d-danni likwidati peress li dwar l-element ta' solidarjeta` issottometta li l-fatti fil-kaz ta' Refalo v. Caruana li ghalih irreferiet l-ewwel Qorti kienu differenti minn dawk fil-kaz odjerni. Issottometta wkoll li huwa kien tal-fehma li l-mutur kien sar proprjeta` ta' Robert Galea u li ghalhekk kien jinkombi fuq Robert Galea li jaghmel polza ta' assigurazzjoni. Finalment issottometta li f'kaz ta' delitt kommess minn aktar minn persuna wahda, kull wiehed huwa responsabbli ghad-danni li jigi determinat li huwa kkaguna bl-ghemil tieghu u li ghalhekk huwa ma setax jinzamm solidalment responsabbli ghad-danni rizultanti.

**<u>Risposti tal-atturi appellati</u>**

5. Ghall-appell ta' Robert Galea l-appellati Isabelle u Norman konjugi Borg u binhom Lukan Borg wiegbu li l-appell tal-appellant Robert Galea kien jimmerita li jigi michud u s-sentenza appellata tigi konfermata in kwantu hija gusta fil-fatt u fid-dritt. In kwantu ghar-responsabbilita` ghall-incident irrilevaw li l-aggravju tal-appellant kien jirrigwarda principalment l-apprezzament tal-provi u li bhala regola din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti f'dan ir-rigward. L-appellati jinsistu li r-responsabbilita` ghall-incident *de quo* kienet esklussivament tal-appellant Robert Galea minghajr ma tista' tigi attribwita ebda kontributorjeta` lill-appellat Lukan Borg u rribattew l-aggravji kollha migjuba 'l quddiem mill-appellant. Huma sostnew li Lukan Borg kien isuq normali fuq in-naha tieghu tal-karreggjata u ma nstiga lil hadd biex jissorpassah u li kien il-mutur tal-appellant li habat mal-mutur ta' Lukan Borg li konsegwentement spicca biex tilef il-bilanc, inqaleb u baqa' jitkaxkar.

6. In kwantu ghal-likwidazzjoni tad-danni l-appellati Borg isostnu li din saret korrettement mill-ewwel Qorti tenut kont tal-fatt li l-vittma kien student bi proficjenza f'certi suggetti, kien jistudja l-Business Accounts, kien interessat fl-iskola u kien jircievi kummenti favorevoli mill-ghalliema tieghu u ghalhekk seta` jaspira ghal paga li kienet teccedi dik minima.

7. Ghall-appell incidentali ta’ George Serracino l-appellati Borg wiegbu li l-appell incidentali kien jimmerita li jigi michud u s-sentenza appellata konfermata in kwantu gusta fil-fatt u fid-dritt. Kwantu ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni l-appellati Borg isostnu li l-perjodu ta’ preskrizzjoni applikabbli ghall-appellant George Serracino hu dak applikabbli ghar-reat ta’ omicidju involontarju u cioe` dak ta’ hames snin u dan peress li l-appellant Serracino ppermetta lil terza persuna li ssuq mutur meta ma hix koperta bl-assikurazzjoni u ghalhekk kien responsabbli ghall-htija tal-incident u ghall-konsegwenzi tieghu u t-terminu tal-preskrizzjoni applikabbli huwa l-istess bhal dak applikabbli fil-kaz ta’ Robert Galea in vista tar-responsabbilita` solidali taghhom ghall-incident in kwistjoni u ghall-konsegwenzi li rrizultaw. Sussidjarament l-appellati Borg isostnu li t-terminu ta’ preskrizzjoni fi kwalunkwe kaz hu dak previst fil-Kodici Kriminali u ghalhekk ghall-finijiet tal-preskrizzjoni f’dawn il-proceduri anki jekk ir-reat jitqies dak skont l-Artikolu 3 tal-Kap. 104 li hu suggett ghal piena ta’ prigunerija ta’ inqas minn sena t-terminu ta’ preskrizzjoni applikabbli jibqa’ dak ta’ sentejn skont l-Artikolu 688(e) tal-Kap. 9 u mhux dak applikabbli taht il-Kap. 104 u dan it-terminu ta’ sentejn gie interrott bl-ittri ufficjali tat-22 ta’ April, 1999 notifikata fis-27 ta’ April 1999 u dik tat-30 ta’ April 1999 notifikata fil-5 ta’ Mejju 1999.

8. In kwantu ghar-responsabbilita` tal-appellant l-iehor Robert Galea ghall-incident u dik solidali tal-appellant Serracino l-appellati Borg itennu li l-aggravju tal-appellant Serracino jirrigwarda l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti liema apprezzament din il-Qorti bhala regola ma tiddisturbax. Imbaghad l-appellati Borg jghaddu biex jirribattu l-aggravji tal-appellant Serracino u jsostnu li kienet korretta l-ewwel Qorti meta sabet lill-appellant l-iehor Robert Galea unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni peress li kienet il-manuvra negligenti ta’ Galea meta dan issorpassa lil Lukan Borg li, flimkien ma’ fatturi ohra, kienet kagun tas-sinistru u hawn ghaddew biex, kif mistenni, sostanzjalment jissollevaw l-istess rilievi li ghamlu fir-risposta taghhom ghall-appell ta’ Robert Galea.

9. Dwar ir-responsabbilita` tal-appellant Serracino ghall-fatt li Robert Galea ma kienx kopert b’polza ta’ assigurazzjoni l-appellati Borg isostnu li kuntrarjament ghal dak allegat mill-appellant Serracino rrizulta car li s-sid tal-mutur kien l-istess Serracino li dakinhar tal-incident silef il-mutur lil Robert Galea biex isuqu meta skont il-polza ta’ assikurazzjoni li kellu Serracino din kienet tkopri biss lilu u lil ebda sewwieq iehor.

10. In kwantu li l-appellant George Serracino ssottometta li kellu jkun hemm riduzzjoni fl-ammont tad-danni likwidati minhabba negligenza kontributorja da parti ta’ Lukan Borg u d-decuius l-appellati Borg isostnu li ma kien hemm ebda tali kontributorjeta` u ghalhekk ma hemmx lok ghal riduzzjoni fid-danni kwantifikati.

**<u>Fatti tal-kawza</u>**

11. Qabel ma tghaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji tal-appellanti Robert Galea u George Serracino, din il-Qorti thoss li jkun aktar opportun li taghti fil-qosor deskrizzjoni tad-dinamika tal-incident mertu ta’ din il-kawza.

12. Fit-3 ta’ Mejju 1997 Lukan Borg u l-konvenuti Robert Galea u George Serracino ltaqghu San Giljan. It-tlieta kellhom *motorcycle* kull wiehed. Lukan Borg kien riekeb il-mutur tieghu u kellu ‘l huh Jody Borg ta’ hmistax-il sena riekeb *pillion* mieghu. George Serracino wkoll kien riekeb mutur tieghu waqt li Robert Galea kien riekeb mutur li kien qieghed isuqu ghall-ewwel darba u li kien proprjeta` ta’ George Serracino. Minn San Giljan telqu bil-muturi taghhom lejn l-iskola ta’ San Anton b’Jody Borg riekeb *pillion* wara huh Lukan. Lukan Borg kien riekeb mutur Honda CAG196, Robert Galea kien riekeb mutur Yamaha FAH493 waqt li George Serracino kien isuq mutur iehor. L-erbgha li huma kienu lebsin *crash-helmet* f’rashom. Minn San Anton telqu bil-muturi taghhom lejn in-Naxxar u f’hin minnhom qabdu Vjal 21 ta’ Settembru fin-Naxxar. It-tlett muturi kienu jinsaqu wiehed wara l-iehor. Lukan Borg u b’Jody Borg riekeb warajh kienu fuq quddiem, warajhom kien hemm Robert Galea u jsegwihom kien hemm George

Serracino. F'hin minnhom George Serracino ssorpassa kemm lil Robert Galea kif ukoll lil Lukan Borg u b'hekk gie fuq quddiem, b'Lukan Borg warajh segwit minn Robert Galea. Hawnhekk Robert Galea lahaq lil Lukan Borg u gie biswit tieghu fuq il-lemin tieghu u dan b'manuvra biex jissorpassah[1]. F'dan il-mument Robert Galea ra karozza gejja mid-direzzjoni opposta u ghafas il-brake bi ftit sahha peress li huwa kien mdorri b'mutur li kellu l-brake naqra iebes. Billi hasad il-brake ir-rota ta' quddiem illokjatlu[2] u l-mutur tieghu beda jperper, zbilancja ruhu, waqa' u baqa' jitkaxkar fit-triq. Il-mutur ta' Robert Galea waqt li kien jitkaxkar habat mal-mutur ta' Lukan Borg li nqaleb ukoll. Lukan Borg, huh Jody u l-mutur taghhom baqghu jitkaxkru ghal xi distanza. Il-*crash helmet* ta' Jody Borg waqghet minn rasu waqt li Lukan Borg baqa' liebes il-*helmet* tieghu. Lukan Borg u huh Jody baqghu jitkaxkru sakemm it-tnejn spiccaw taht l-istess karozza li kienet ipparkjata fit-triq l-istess naha minn fejn kienu qed jinsaqu it-tlett muturi. Konsegwenza tal-incident Jody Borg miet.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

***Dwar l-aggravji tal-appellant Robert Galea***

13. L-ewwel se jigi konsidrat l-appell ta' Robert Galea u **l-ewwel aggravju tal-appellant Robert Galea** dwar ir-responsabbilita` ghall-incident *de quo*.

14. Dan l-aggravju essenzjalment jistrieh fuq kritika tal-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi prodotti quddiemha. Huwa appena necessarju li tigi mfakkra l-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti in materja fis-sens li hija ma tiddisturbax l-apprezzament li tkun ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemha jekk mhux ghal ragunijiet validi wara li din il-Qorti tkun ezaminat il-provi u l-ligi applikabbli u tikkonkludi li l-ewwel Qorti ma setghetx,

[1] Ara depozizzjoni Robert Galea fol. 199
[2] Ibid fol. 200

legalment jew ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha[3].

15. In sostenn ta' dan l-ewwel aggravju tieghu l-appellant Robert Galea isostni li ma kienx qieghed itellaq ma' George Serracino jew jipprova jissorpassah izda ried biss jilhaq lil Lukan Borg sabiex ikompli t-tragitt miexi biswit tieghu.

L-ewwel Qorti ma qalitx li l-appellant Robert Galea kien qieghed itellaq ma' George Serracino izda qalet li George Serracino f'xi hin issorpassa kemm lil Robert Galea kif ukoll lil Lukan Borg u li meta Robert Galea ra dan huwa accellera sabiex jihaq u addirittura jissorpassa lil Lukan Borg. Certament l-ewwel Qorti kienet pjenament intitolata tasal ghal din l-ispjegazzjoni tal-fatti li wara kollox tikkorrispondi ma' dak li xehed Robert Galea quddiemha meta qal li:

"Kif ghid waqt li kont qed isir l-incident hin minnhom gejt fuq in naha tal-lemin ta' Lucan Borg, jigifieri dan kien fuq in naha tax-xellug tieghi. Jiena ghamilt hekk b'manuvra biex nissorpassah."[4]

u aktar tard fl-istess depozizzjoni:

"Kif ghid waqt li konna qed insuqu Lucan Borg ma kienx vicin il-karozza ipparkjati ... Jiena kont qed nahseb biex naqbzu, hin minnhom gejt ezatt mieghu, kif wasalt hdejh rajt il-Cortina gejja jiena kif rajt il-Cortina ghafast il-brake biex nerga nigi warajh u gara l-incident."

16. L-appellant Galea jzid li l-ewwel Qorti mhux biss sabet konfort fil-konkluzjonijiet tas-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Magistrati li biha kien instab hati ta' sewqan traskurat u perikoluz izda addirittura strahet ghal kollox fuqha u njorat il-provi prodotti. Dan ma hu minnu xejn

---

[3] Ara fost l-ohrajn **Emanuel Cardona et v. Dr. Graham Busuttil et**, Qorti tal-Appell deciza 10 ta' Jannar 1995; **Francis Gauci v. Jimmy Bugeja,** Qorti tal-Appell deciza fis-27 ta' Novembru 2009.

[4] Ara depozizzjoni ta' Robert Galea fol. 199 tal-process

ghaliex hu evidenti anki minn qari superficjali tas-sentenza tal-ewwel Qorti li din ghamlet l-analizi awtonomu u akkurat taghha tal-provi prodotti quddiemha sabiex waslet ghall-konkluzjonijiet taghha li izda kienu konsistenti ma' dawk tal-Qorti tal-Magistrati.

17. Dwar jekk l-appellant saqx b'velocita` eccessiva jew ghamilx jew le xi manuvra ta' sorpass azzardata u perikoluza jew kienx fuq in-naha hazina tat-triq jew le, l-ewwel Qorti kellha provi bizzejjed quddiemha sabiex tasal ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom ghar-rigward tac-cirkostanzi msemmija. Bhala ezempji wiehed jista' jsemmi l-entita` ingenti tal-hsarat fil-vettura Cortina D-3381 li maghha habat Robert Galea[5], ix-xhieda ta' Saviour Sciberras li xehed li l-muturi kienu gejjin bi *speed* qawwi[6], il-hoss qawwi ta' muturi li sema' Nazzareno Sciberras qabel il-hoss tad-daqqa fuq il-vettura tieghu[7].

18. Minn barra l-premess l-appellant Robert Galea meta xehed quddiem il-perit legali qal li "*speed kellna xi 50/65 k.f.s.*"[8] meta l-*ispeed limit* f'dawk l-inhawi bhala zona mibnija hu ta' hamsin (50) kilometru fis-siegha sakemm ma jkunx indikat mod iehor, u dan apparti li skont ic-cirkostanzi ta' hin u ta' post, konfigurazzjoni tat-triq, kondizzjonijiet tat-temp, densita` tat-traffiku, prezenza ta' passiggieri jew ostakoli, il-limitu ta' 50 kilometru jista' wkoll ma jkunx wiehed prudenti. U fic-cirkostanzi kollha gia` msemmija din il-Qorti hi tal-fehma li l-velocita` li kien ghaddej Robert Galea ma kienetx wahda prudenti.

19. Ma jirrizultax li l-ewwel Qorti esplicitament sabet li l-appellant Robert Galea f'xi hin kien fuq in-naha hazina tat-triq izda fi kwalunkwe kaz kien l-istess Galea li xehed li kien tal-anqas probabbli li x'hin tfaccat il-Cortina huwa kien xi ftit fuq in-naha hazina tat-triq tant li xehed li:

"Kif ghid waqt li konna qed insuqu Lucan Borg ma kienx vicin il-karozza ipparkjati u l-Cortina ghalkemm fuq in

[5] Ara relazzjoni Perit Richard Aquilina a fol. 36 tal-process
[6] Fol. 50 tal-process; ara wkoll fol. 107 tal-process
[7] Ara fol. 79 tal-process
[8] A fol. 67

naha taghha tat-triq hija karozza wiesgha biex jiena rajt il-Cortina u rajt li ma konniex nghaddu bil-fors ir-rizultat hu li jiena kont xi ftit wrong side ghax kieku jiena kont fuq in naha t-tajba tat-triq konna nghaddu ma' genb il-Cortina[9]." (sottolinear tal-Qorti)

20. Anki Saviour Sciberras dakinhar tal-incident ikkonferma li "Dak ta' barra kien zgur wrong-side gej dritt ghal fuqi[10]." Ghalkemm meta xehed il-Qorti seba' snin wara jidher li kellu ftit ta' ripensament ghaliex xehed li "Dan il-mutur kien isuq fuq in-naha tat-triq pero` vicin *the crown of the road*"[11] u li kien wara li skiddja li gie *wrong side*.

21. L-appellant Galea jghid ukoll illi ma setax jipprevedi li meta kien ser jaghfas il-*break* il-mutur tieghu kien ser jibblokkja. L-appellant, izda, kien ser isuq il-mutur li kien bih dakinhar ghall-ewwel darba u allura messu pprovah u ttestjah x'imkien fiz-zgur qabel saqu bil-velocita` li saqu fi triq pubblika u fit-traffiku. Kieku ghamel hekk kien ikun jaf li l-*brakes* tal-mutur ma kienux iebsin bhal dawk tal-mutur li kien imdorri bih u li ghalhekk ma kellux ghalfejn jaghfas il-*brakes* bis-sahha bil-konsegwenza li l-mutur illokjalu u zelaq[12].

22. L-appellant Galea imbaghad izid li ma rrizultax li l-mutur misjuq minnu f'xi mument laqat dak misjuq minn Lukan Borg. Kien l-istess Galea, izda, li xehed li "Waqt li qed naghmel din il-manuvra skiddja il-mutur tieghi, bdejt nitkaxkar u l-mutur tieghi jew jien laqat il-mutur l-iehor li tkaxkar ukoll"[13] u li "Il-mutur li kont qed insuq jien laqat kemm il-Cortina kif ukoll il-mutur li kien qed isuq Lukan ma nafx liema vettura laqat l-ewwel jew laqat il-Cortina imbaghad dahal fil-mutur ta' Lukan jew inkella l-ewwel laqat lill-mutur ta' Lukan imbaghad laqat ukoll il-Cortina."[14] Lukan Borg min-naha tieghu xehed li l-mutur tieghu kien

[9] Ara depozizzjoni ta' Robert Galea a fol 200 tal-process
[10] Ara depozizzjoni ta' Saviour Sciberras a fol 50
[11] Fol 106
[12] ibid
[13] Fol. 51
[14] Fol. 176

waqqghu il-mutur ta’ Galea meta dan waqa’ u tkaxkar ghal go fih.[15]

23. Dwar l-allegati xquq fl-elmu li kien liebes Jody Borg dakinhar tal-incident din il-Qorti, kuntrarjament ghall-ewwel Qorti, hi tal-fehma li l-fatt li persuna tilbes elmu difettuz ghaliex ikun mixquq tista’ tammonta ghal cirkostanza li tikkostitwixxi traskuragni kontributorja da parti ta’ dik il-persuna jekk din issofri xi danni f’xi incident bhal dak odjern, izda dan ikun hekk sakemm jigu prodotti provi idonei li juru li fil-fatt dak il-fatt kien realment ikkontribwixxa ghas-sinistru. Ghandu jinghad li dawn l-allegati xquq issemmew ghall-ewwel darba mill-appellant Robert Galea meta xehed quddiem l-ewwel Qorti disa’ snin wara l-incident. L-ewwel xehed li dawn saru f’incident precedenti meta kien ukoll waqa’ l-mutur izda wara in kontro-ezami xehed li ma kienx jiftakar kif saru u qal li bilfors li l-elmu kien imdendel x’imkien u l-ixquq tfaccaw meta l-elmu waqa minn fejn kien imdendel. Apparti li din il-Qorti ma hi xejn konvinta dwar l-attendibbilita` ta’ dak li xehed Robert Galea fuq dawn l-ixquq, l-ewwel Qorti ghamlet diversi konsiderazzjonijiet dwarhom u eskludiet li ghaldaqshekk tista’ tigi attribwita xi negligenza kontributorja da parti ta’ Jody Borg. Fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz din il-Qorti tikkondividi pjenament dawk il-konsiderazzonjiet u konkluzjoni tal-ewwel Qorti in materja u tikkonkludi li ma giex pruvat li x-xquq li seta’ kien hemm fl-elmu in kwistjoni fil-fatt ikkontribwew ghall-mewt ta’ Jody Borg.

24. Indirizzati serjatim il-konsiderazzjonijet li gab ’il quddiem l-appellant Galea in sostenn tal-ewwel aggravju tieghu dwar ir-responsabbilita` ghall-incident din il-Qorti zzid is-segwenti.

25. Hija regola generali fi kwestjonijiet ta’ stharrig ta’ responsabbilita` f’habta, li kull sewwieq irid ihares zewg regoli ewlenin, jigifieri (a) li jirregola s-sewqan tieghu skont ic-cirkostanzi kollha tal-inhawi fejn ikun (maghduda maghhom il-konfigurazzjoni tat-triq, il-hin u l-

[15] Fol. 124

kundizzjonijiet atmosferici), u (b) li jzomm attenzjoni (*proper look-out*) dwar dak li jkun qieghed isehh fil-qrib jew huwa mistenni li jsehh minnufih[16].

26. Jirrizulta li Lukan Borg kien qieghed josserva r-regolamenti tat-traffiku, kellu vizwali tajba tat-triq u zamm *a proper look out*: Fil-fatt, Lukan Borg xehed li: "*Il-vizwali li ahna kellna tal-vetturi li gejjin minn naha l-ohra kienet wahda tajba.*"[17] Meta gara l-incident huwa kien fuq in-naha tal-lemin tal-karreggjata u kien qed isuq b'velocita` ta' madwar erbghin kilometru fis-siegha (40kmph). Lukan Borg xehed ukoll li "*Li speed tieghi kien ta' bejn wiehed u iehor 40 km per hour u ovvjament il-mutur ta' Galea li dahal go fija kien qed isuq bi speed akbar biex laqatni u kaxkarni.*"[18]

27. Mhux l-istess jghodd ghall-appellant Robert Galea. Jirrizulta li l-appellant Robert Galea tilef il-kontroll mehtieg tal-mutur tieghu meta ghamel il-manuvra biex jissorpassa lill-ahwa Borg wara li s-sewwieq l-iehor George Serracino kien ghadu kif issorpasshom ilkoll ghal gharrieda. Robert Galea ma ndunax mill-ewwel bil-vettura li kienet gejja mid-direzzjoni opposta u meta ntebah biha hasad il-*brake* tal-*motorcycle* biex jirritorna wara Lukan Borg. Hawn Galea tilef il-kontroll tal-mutur tieghu li habat ma karozza gejja mid-direzzjoni opposta u nqaleb u tkaxkar ghal tul tat-triq, habat ma' u qaleb il-mutur li fuqu kienu rekbin Lukan Borg u huh Jody Borg u dawn it-tnejn spiccaw taht karozza bir-rizultat li Jody Borg tilef hajtu.

28. Kif irriteniet l-ewwel Qorti anki jekk Robert Galea ma kellux hsieb jissorpassa lil Lukan Borg izda ried biss javvicinah biex ikompli bit-tragitt miexi magembu dan ukoll kien jammonta ghal sewqan traskurat specjalment meta hu evidenti li bil-fatt li Robert Galea ha l-pozizzjoni li ha

---

[16] **Untours Insurance Agents Limited v. Saliba Etienne**, Prim' Awla tal-Qorti Civili, 29 ta' Jannar 2004; ara wkoll **Formosa & Camilleri Ltd. et noe v. Joseph Camenzuli**, Prim' Awla 26.4.2001 u **Stefan Bonello v. Carmelo Abela**, Prim' Awla, 21.10.2002

[17] A fol. 124

[18] A fol. 125

huwa spicca tal-anqas *on the crown of the road,* jekk mhux ukoll qabez il-linja medjana bejn il-karreggia`ti fid-direzzjonijiet opposti tant li habat ma' karozza li kienet gejja mid-direzzjoni opposta u li kienet qed tinsaq fuq in-naha taghha tat-triq. Minhabba f'hekk Robert Galea nqaleb bil-mutur b'kollox li tkaxkar mat-triq bil-konsegwenzi tragici li gia` ssemmew.

29. Ghar-ragunijiet premessi, ghalhekk, din il-Qorti ma tilqax dan l-ewwel aggravju tal-appellant Robert Galea.

30. **It-tieni aggravju tal-appellant Robert Galea** jirrigwarda d-danni likwidati mill-ewwel Qorti li l-istess appellant jikkonsidrhom eccessivi u dan peress li s-somma ta' Lm9,000 li l-ewwel Qorti hadet bhala dhul *average* tal-vittma kienet wahda irragonevoli u eccessiva. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-aggravju. Meta wiehed iqis li l-ammont ta' Lm9,000 dhul huwa wiehed *average* ghal firxa ta' snin ta' hajja ta' bniedem zaghzugh li akkademikament kien ta' certu livell u li seta` jaspira ghal impieg relattivament renditizju jew li jaghtiha ghan-negozju, u meta wiehed jiehu kont tal-effett tal-inflazzjoni fuq is-salarji partikolarment f'dawn l-ahhar snin, din il-Qorti ma tarax li l-ammont li bih hadmet l-ewwel Qorti kien b'xi mod irragonevoli. Ghalhekk dan l-aggravju wkoll ma hux jigi milqugh.

***Dwar l-aggravji tal-appellant George Serracino fl-appell incidentali tieghu***

31. Ser issa jigi konsidrat l-appell incidentali ta' George Serracino. Din il-Qorti ser thalli ghall-ahhar il-konsiderazzjoni tal-ewwel aggravju tal-appellant George Serracino dwar il-preskrizzjoni ghal wara li tkun kkunsidrat l-aggravji l-ohra tal-istess appellant li jincidu fuq ir-responsabbilita` ghall-incident *de quo* u fuq ir-responsabbilita` solidali o meno da parti tal-istess appellant ghad-danni kagunati bl-akkadut u dan peress li dak l-ewwel aggravju tal-appellant Serracino dwar preskrizzjoni jiddependi fuq dak li tikkonkludi din il-Qorti dwar dawn l-aggravji l-ohra.

32. Ser jigi ghalhekk f’dan l-istadju kunsidrat **it-tieni aggravju tal-appellant Serracino** li hu fis-sens li Robert Galea ma kienx responsabbli ghall-incident *de quo* u ghalhekk hu, u cioe` l-appellant George Serracino, ma setax jigi misjub responsabbli *in solidum* ghad-danni konsegwenzjali ghall-incident.

33. In sostenn ta’ dan l-aggravju tieghu, kif gia` inghad, l-appellant Serracino jsemmi diversi cirkostanzi biex juri li kienet tezisti incertezza tali dwar kif gara l-incident li l-ewwel Qorti ma setghetx tilhaq dak il-grad ta’ konvinciment rikjest mil-ligi dwar x’sehh verament fil-mument tal-incident u ghalhekk dwar min kien responsabbli ghall-incident. Din il-Qorti gia` kkunsidrat l-aggravju tal-appellant Robert Galea li jistrieh fuq konsiderazzjonijiet simili jekk mhux identici li fuqhom jistrieh l-appellant Serracino u kkonkludiet li kellha tichad dak l-aggravju. Ghall-istess ragunijiet u fid-dawl tal-istess konsiderazzjonijiet li ghamlet din il-Qorti u li wassluha ma tilqax l-aggravju tal-appellant Galea din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti kellha bizzejjed provi quddiemha sabiex setghet legittimament tasal ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom fis-sentenza taghha ghar-rigward ir-responsabbilita` ghall-incident *de quo.*

34. In sostenn ulterjuri ta’ dan l-aggravju tieghu l-appellant Serracino semma wkoll li l-fatt li mutur ma kellux jinstaq biswit dak ta’ Lukan Borg u l-fatt li z-zewg muturi setghu kienu qed jinsaqu b’certu velocita` dan ma jfissirx necessarjament li Robert Galea kien responsabbli ghall-incident peress li mhux kull infrazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku necessarjament tiddetermina r-responsabbilita` ghad-danni. Anki jekk dan hu minnu, izda, din il-Qorti gia` ezaminat il-konsiderazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti dwar ic-cirkostanzi hawn imsemmija meta ddeliberat dwar l-ewwel aggravju tal-appellant Robert Galea dwar ir-responsabbilita` ghall-incident *de quo* u din il-Qorti ma sabet xejn x’ticcensura f’dawk il-konsiderazzjoniet tal-ewwel Qorti f’dan ir-rigward,

35. Ghar-ragunijiet premessi, ghalhekk, din il-Qorti ma hix tilqa’ dan it-tieni aggravju tal-appellant George Serracino.

36. **It-tielet aggravju tal-appellant George Serracino** huwa dwar jekk fi kwalunkwe kaz il-konvenut appellant Robert Galea kellux jinstab unikament responsabbli tas-sinistru tenut kont tan-negligenza kontributorja ta' Lukan Borg u tal-mejjet Jody Borg li kien liebes elmu mxaqqaq u li skont l-appellant kawza tieghu Jody Borg sofra griehi gravi f'rasu. Ic-cirkostanzi li fuqhom jistrieh dan l-aggravju gew ukoll gia` kkonsidrati minn din il-Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar l-ewwel aggravju tal-appellant Robert Galea u din il-Qorti qablet mal-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti dwarhom u ma sabet xejn x'ticcensura fihom u ghalhekk ghall-istess ragunijiet din il-Qorti ma tilqax anqas dan it-tielet aggravju tal-appellant George Serracino.

37. Dwar **ir-raba' aggravju tal-appellant George Serracino** li jikkoncerna min kien il-proprjetarju tal-mutur misjuq minn Robert Galea u n-nuqqasijiet tas-socjetajiet assiguratrici ghar-rigward l-assigurazzjoni tal-istess mutur din il-Qorti hi tal-fehma li ma giex provat sodisfacentement li di fatti l-appellant George Serracino kien biegh il-mutur lil Robert Galea ftit qabel l-incident. Meta fid-data stess tal-incident Robert Galea xehed quddiem il-periti tal-Qorti huwa xehed li l-mutur li kien isuq ma kienx tieghu izda kien ta' siehbu George Serracino[19]. Meta fl-istess data xehed George Serracino quddiem il-periti huwa xehed li "Robert Galea kien qed isuq <u>mutur tieghi</u> Yamaha FZR 400 in-numru ma niftakrux. Il-mutur kien inxjurjat man-Norwich Union. In-numru jista jkun li hu FAH 493. <u>Ilu ghandi xi xahrejn</u>." (sottolinear tal-Qorti). Il-mutur kien registrat fuq George Serracino[20]. Meta xehed il-Qorti, Robert Galea xehed li dakinhar tal-incident il-mutur li kien isuq kien sellifulu George Serracino[21] u li l-mutur ma kienx tieghu izda kien ta' George Serracino u li kien issellfu minghandu[22]. Barra minn hekk l-uniku *insurance cover* li jirrizulta u li kien jaf bih George Serracino kienet dik favurih u bhala *owner driven* biss. Anki jekk ghall-grazzja

[19] Ara fol. 51 tal-process
[20] Ara fol. 117 u 174 tal-process
[21] Fol. 164 tal-process
[22] Fol. 175 u 199 tal-process

tal-argument Serracino kien biegh il-mutur lil Robert Galea, li ma jirrizultax, kien doveruz fuq Serracino li jassigura li l-mutur jigi registrat fuq Galea u qabel jippermetti lil Galea jsuq il-mutur kellu jassigura li l-istess mutur kien regolarment assigurat meta misjuq minn Galea. Dan Serracino ma ghamlux. Dan l-aggravju ghalhekk jirrizulta infondat u ma hux jigi milqugh.

38. **Il-hames aggravju tal-appellant George Serracino** dwar id-danni jserrah fuq diversi konsiderazzjonijiet. L-ewwel wahda hi li l-fatti fil-kaz Refalo v. Caruana kienu differenti minn dawk fil-kaz odjern. Dan jista' jkun minnu izda din ma kienetx l-unika sentenza li fuqha strahet l-ewwel Qorti biex gibdet il-konkluzjonijiet taghha dwar ir-responsabbilita` solidali. Di fatti l-ewwel Qorti ccitat diversi sentenzi ohrajn.

39. Dwar il-konsiderazzjoni li l-appellant Serracino kien tal-fehma li l-mutur kien sar proprjeta` ta' Robert Galea li ghalhekk fuqu kien jinkombi li jaghmel polza ta' assigurazzjoni din gia` giet kunsidrata u rigettata minn din il-Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar ir-raba' aggravju u qed tigi wkoll rigettata minn din il-Qorti ghall-fini ta' dan l-aggravju.

40. Dwar l-ahhar konsiderazzjoni, kif gia` stabbiliet din il-Qorti ir-responsabbilita` solidali ghad-danni kagunati bl-incident in kwisjoni f'dan il-kaz ma temergix mir-responsabbilita` o meno ghar-reat ta' omicidju involontarju izda mir-responsabbilita` ghar-reat taht l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104 u ghalhekk din il-konsiderazzjoni wkoll ma hix fondata. Dan l-aggravju wkoll, ghalhekk, ma jistax jigi milqugh.

41. Kif inghad, ghalhekk, issa jibqa' li jigi konsidrat **l-ewwel aggravju tal-appellant George Serracino** dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni. F'dan l-aggravju l-istess appellant qieghed isostni li l-azzjoni fil-konfront tieghu hi preskritta a tenur tal-Artikolu 3(3) tal-Kap. 104 u dan peress li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta rriteniet li kellu jitqies komplici fir-reat ta' omicidju involontarju u applikat

il-preskrizzjoni ta’ hames snin a tenur tal-Artikolu 688(d) tal-Kodici Kriminali.

42. L-ewwel Qorti, wara li sabet lill-konvenut appellant Robert Galea unikament responsabbli ghall-incident *de quo* sabet ukoll li l-appellant George Serracino, fuq l-iskorta ta’ sentenzi precedenti ta’ dawn il-Qrati, kien responsabbli ghad-danni kagunati *in solidum* mal-istess Robert Galea minhabba li kien dolozament ippermetta lill-istess Robert Galea isuq il-mutur in kwistjoni meta kien jaf li ma kienx kopert b’polza ta’ assigurazzjoni dwar ir-riskji ta’ terzi persuni bi ksur tal-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104 u b’hekk, ghall-fini ta’ dawn il-proceduri civili, l-istess George Serracino ghandu jitqies komplici fir-reat ta’ omicidju involontarju li skont l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali ghandu piena ta’ mhux aktar minn erba’ snin li allura skont l-Artikolu 688(d) tal-istess Kodici Kriminali dak ir-reat jimporta perjodu ta’ preskrizzjoni ta’ hames snin.

43. Din il-Qorti, izda, ma tistax taqbel mal-ewwel Qorti li l-fatt wahdu li George Serracino instab responsabbli li kiser l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104 jirrendih ukoll komplici tal-omicidju involontarju ta’ Jody Borg. Sabiex persuna tkun tista’ tinstab komplici fir-reat ta’ omicidju involontarju jehtieg li jigi muri li dik il-persuna kienet hatja ta’ xi wiehed mill-forom ta’ kompartecipazzjoni fir-reat imsemmi previsti fil-paragrafi (a) sa (e) tal-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti ma hix sodisfatta li l-ghemil tal-appellant George Serracino fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz kien jammonta ghal ghemil li jinkwadra ruhu f’xi wiehed minn dawk il-paragrafi u ghalhekk din il-Qorti ma hix sodisfatta li l-istess appellant jista’ jitqies komplici ma’ Robert Galea fir-reat ta’ omicidju involontarju ta’ Jody Borg.

44. B’danakollu, skont l-ewwel Qorti stess fis-sentenza appellata l-ghemil li rrenda lill-appellant responsabbli ghad-danni solidalment ma’ Jody Borg kien l-ghemil doluz tieghu bi ksur tal-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104. L-ewwel Qorti tajjeb irriteniet li l-htija ghal dak ir-reat kommess l-ewwel darba jimporta piena ta’ mhux izjed minn tliet xhur. L-ewwel Qorti, izda, ma kienetx korretta meta waslet ghall-konkluzjoni li allura l-perjodu preskrittiv applikabbli hu dak

previst fl-Artikolu 3(3) tal-Kap. 104. L-ewwel Qorti korrettement irriteniet li biex jigi determinat jekk ghemil hux reat jew le ma hux mehtieg li jkunu ttiehdu proceduri kriminali u jekk l-ghemil in kwistjoni jkun oggettivament jammonta ghal reat allura dak l-agir xorta jkun reat kopert ghall-fini tal-preskrizzjoni bl-Artikolu 2154 tal-Kodici Civili. Is-subinciz (1) ta' dak l-artikolu jipprovdi li:

"**2154.** (1) Dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni civili ghall-hlas tal-hsarat ikkagunati b'reat, ghandhom jitharsu r-regoli li hemm fil-Kodici Kriminali, ghall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali. (sottolinear tal-Qorti)"

45. Il-perjodi ta' preskrizzjoni li jinsabu fl-Artikolu 3(3) tal-Kap. 104 u li ghalihom irriferiet l-ewwel Qorti huma regoli specjali fl-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kap. 104 li jidderogaw mir-regoli ta' preskrizzjoni li jinsabu fil-Kodici Kriminali. Skont l-Artikolu 2154 fuq citat, izda, ir-regoli ta' preskrizzjoni relevanti u applikabbli ghall-preskrizzjoni tal-azzjoni civili huma r-regoli li hemm fil-Kodici Kriminali. Tenut kont tal-fatt li l-piena ghad-delitt taht l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104 hija, ghall-ewwel reat, dik prevista fl-Artikolu 3(2)(a) tal-istess Kap. u cioe` l-piena ta' multa jew prigunerija ta' mhux izjed minn tlett xhur jew it-tnejn il-perjodu preskrittiv skont il-Kodici Kriminali hu dak ta' sentejn previst fl-Artikolu 688(e) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi li l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn ghad-delitti suggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew ghall-pieni tal-kontravenzjonijiet.

46. L-incident in kwistjoni sehh fit-3 ta' Mejju 1997. Fit-22 ta' April 1999 (Dok A) giet prezentata ghan-nom ta' Isabelle Borg u Norman Borg ittra ufficjali kontra l-konvenuti appellanti u kontra Fogg Insurance Agencies Limited bhala agenti tas-socjeta` estera Norwich Union Fire Ins. Soc (Gibraltar) Limited li biha l-konvenuti appellanti gew interpellati jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-imsemmija konjugi Borg b'rizultat tal-mewt ta' binhom Jody Borg wara l-incident in kwistjoni. Din l-ittra ufficjali giet notifikata lil Robert Galea fit-3 ta'

Mejju 1999 waqt li George Serracino gie notifikat bl-istess ittra ufficjali fis-27 ta' April 1999. Ittra ufficjali ohra dwar l-istess incident giet prezentata fit-30 ta' April 1999 kontra l-konvenuti appellanti u s-socjeta` msemmija u giet notifikata lil Robert Galea fis-17 ta' Mejju 1999 u lil George Serracino fil-5 ta' Mejju 1999. Ghalhekk jirrizulta li l-perjodu preskrittiv ta' sentejn gie interrott bin-notifika tal-ittri ufficjali msemmija fi zmien ix-xahar previst fl-Artikolu 2130(1) tal-Kodici Civili mill-atturi Isabelle u Norman konjugi Borg fil-konfront tal-imsemmi George Serracino. Min-naha l-ohra ma jirrizultax li l-perjodu ta' preskrizzjoni ta' sentejn gie interrott ghar-rigward tal-attur l-iehor Lukan Borg u ghalhekk filwaqt li dan l-aggravju jirrizulta mhux fondat ghar-rigward tal-appellati Isabelle u Norman konjugi Borg u l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ser tigi ghalhekk michuda fil-konfront taghhom l-istess aggravju jirrizulta fondat ghar-rigward tal-appellat l-iehor Lukan Borg u ghalhekk l-eccezzjoni relattiva ser tintlaqa' fil-konfront tieghu u l-azzjoni tigi dikjarata preskritta ghar-rigward tieghu.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata tal-ewwel Qorti billi tirrevokaha u thassarha f'dik il-parti fejn laqghet it-talbiet tal-attur Lukan Borg u minflok fil-konfront tieghu tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenut George Serracino u b'hekk tiddikjara preskritta l-azzjoni tal-istess Lukan Borg u konsegwentement tichad it-talbiet tieghu u tikkonfermaha fil-bqija.

L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jithallsu mill-konvenuti *in solidum* bejniethom hlief ghall-ispejjez taz-zewg istanzi tat-talbiet tal-attur Lukan Borg fil-konfront tal-konvenut George Serracino li ghandhom jithallsu kollha mill-istess attur Lukan Borg.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------